# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 235 :: DICEMBRU, 2015



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija*
*tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u*
*l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*
*Milied Hieni u Qaddis u*
*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*



# IL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI



**Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Novembru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria kellu l-Laqgħa Ġeneral Annwali, fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Sbatax-il membru attendew.**

Is-Segretarja, Rosemary Attard qrat il-minuti tal-aħħar Laqgħa Annwali Ġenerali u wara kellna r-rapport finanzjarju mingħand it-Teżorier, Ray Anastasi. Imbagħad kien imiss lill-President, Dr Victor Sammut, li jagħmel ir-rapport tiegħu. Huwa tkellem fuq l-attivitajiet li l-Grupp kellu matul is-sena u faħħar ix-xogħol siewi ta' kull membru tal-kumitat. Dr Sammut tkellem fuq il-Folju tagħna li joħroġ kull xahar li jservi ta' ħolqa bejn dawk li jħobbu l-Malti fl-Awstralja u dawk f'Malta u nfatti anki dawk li joqogħdu f'pajjiżi oħra madwar id-dinja. Huwa qal li l-Folju jasal għand madwar 450 indirizz elettroniku f'Malta kif ukoll f'pajjiżi bħal l-Amerka, il-Kanada, Franza, l-Ingilterra u ħafna bnadi oħra. Il-membru Rose Lofaro, għan-nom tal-membri kollha irringrazzjat lill-kumitat għax-xogħol tagħhom matul is-sena. Ringrazzjament mar ukoll għall-membri kollha għas-sapport tagħhom u tal-attendenza tagħhom ta' kull xahar. Wara dan, il-membri tal-kumitat niżlu mill-pożizzjoni tagħhom biex issir l-elezzjoni għall-kumitat ġdid. Waslet nominazzjoni waħda għal kull pożizzjoni u għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' elezzjoni u dawk innominati awtomatikament ġew eletti hekk: *President: Dr Victor Sammut; Viċi President: Marie Louise Anastasi; Segretarja: Rosemary Attard; Teżorier: Ray Anastasi; Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PRO): Paul Vella; Segretarja tal-Attivitajiet Soċjali: Salvina Vella.*

**Ritratti: (fuq) il-Kumitat 2015-2016, mix-xellug għal-lemin: Ray Anastasi (Teżorier); Dr Victor Sammut (President); Rosemary Attard (Segretarja); Marie Louise Anastasi (Viċi President), Salvina Vella (Segretarja, Attivitajiet Soċjali); Paul Vella (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PRO)). Ritratt (taħt) xellug: waqt il-bibita wara l-laqgħa. (Lemin) membri li attendew, quddiem, mix-xellug għal-lemin: Josephine Cassar, Salvina Vella, Rosemary Attard, Rose Lofaro, Marie Louise Anastasi. (wara, mix-xellug) Manwel Cassar, Frank Bonett, Joe Bonett, John Muscat, Dr Victor Sammut, Joe Lofaro, Ray Anastasi. (ware nett, mix-xellug) Paul Vella, Charles Attard, Michael Xuereb, Alfred Xuereb. Nieqsa mir-ritratt, Bernadette Cassar.**





# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

## *Mhux se jkun hemm laqgħa fix-xahar ta' Diċembru*

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **29 ta' Jannar, 2016,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

# IL-LINGWA TAD-*DING DONG*




Donnha l-ħajja f'Malta ma tistax timxi mingħajr il-ħoss effettiv tad-*ding dong*. Din ir-realtà hija riflessa f'kull aspett tas-soċjetà Maltija, tant li kollox qisu jrid jew ikun maqsum fi tnejn inkella frammentat biż-żewġ.

Issib id-*ding dong* fl-oqsma tal-kultura (żewġ baned, żewġ qaddisin), tal-politka (żewġ partiti, żewġt ilwien), tal-isport (żewġ klabbijiet, żewġ kampjonati) eċċ. Tista' tibqa' sejjer hekk sal-parroċċi, il-festi, l-għaqdiet soċjokulturali, il-palk, u ż-żewġ gżejjer ewlenin tal-arċipierku Malti. Żewġ tribuwiet? Saħansitra l-bandiera nazzjonali għandha żewġt ilwien!

Iżda d-*ding dong* jispikka l-aktar fil-mod kif fis-Seklu 21 nitkellmu bejnietna u nitħaddtu ta' kuljum fid-dar, fit-triq, fil-knisja, fil-każin, fuq ir-radju u t-televiżjoni....u kif niktbu u nistampaw fuq il-ġurnali u l-għejjun elettroniċi tal-aħbarijiet.

Il-Lingwa tad-*Ding Dong* (Horizons, 2015) jitfa' dawl qawwi fuq il-qagħda tal-Ilsien Malti llum minn lenti ta' ġurnalist frustrat li għamel karriera sħiħa jipprova jsib tarf ta' dan il-fenominu lingwistiku billi ħadem, u għadu jaħdem, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, iż-żewġ lingwi (erġajna!) uffiċjali ta' Malta.

F'idejk issib kummentarju ħaj dwar l-annimal stramb li jġib l-isem ta' "bilingwiżmu". Toħroġ waħidha l-mistoqsija: Il-bilingwiżmu tal-Maltin ifisser li nistgħu noqogħdu nfajru biċċa bil-Malti u biċċa bl-Ingliż jew li, meta rridu jew meħtieġ, nafu nħaddmu ż-żewġ lingwi?

Charles Flores iħares lejn il-bilingwiżmu tal-Maltin matul vjaġġ fuq żewġ binarji – s-sarkażmu intenzjonat u r-realtà li ma nistgħux naħarbuha. Bejnu u bejn ruħu jara ħwejjeġ u veritajiet li forsi fis-saħna tal-mument ta' diskussjoni jistgħu jaqbżu lil dak li jkun. Lejn l-aħħar tal-vjaġġ, iżda, ma jonqosx dak il-waqt ċkejken ta' riflessjoni li joffru l-istudjużi tal-lingwistika biex hekk toħroġ aħjar l-istampa mixtieqa tas-sitwazzjoni llum fejn jidħol l-użu tal-Malti f'kull qasam tal-ħajja Maltija.

# INĦOBBOK

Għadu kemm ġie ippublikat ktieb jismu DJAMANTINI.

Antoloġija ta' kitbiet minn żgħażagħ ta' bejn il-11 u s-16-il sena flimkien mal-għalliema tal-Malti, għadd ta' awturi u kantawturi stabbiliti. Proġett sabiħ marbut mal-ilsien Malti u mas-seħer li taf toffri l-letteratura mwettaq mill-għalliema tal-Malti tal-Iskola Sekondarja ta' Pembroke. Bil-qligħ ta' dan il-ktieb l-istudenti, l-għalliema tal-Malti tal-Iskola Sekondarja ta' Pembroke u l-kontributuri (madwar 23 awtur u kantawtur stabbiliti), kollha xtaqu jingħaqdu flimkien biex jagħtu donazzjoni msarrfa f'kotba u riżorsi tal-Malti lill-klassi tal-Paediatric Adolescent Unit (PAU) ġewwa l-isptar tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo. Din hi il-kanzunetta li ktibt jien għal dan il-proġett. Jisimha - INĦOBBOK

# TAĦŻIŻ

TAĦŻIŻ huwa programm ta' empowerment u formazzjoni ta' tnax-il xahar li jġib flimkien żgħażagħ b'interess fil-kitba kreattiva fid-diversi forom tagħha, kemm fil-kuntest tal-letteratura kif ukoll f'kuntesti artistiċi interdixxiplinarji.

TAĦŻIŻ iħares b'mod ħolistiku kemm lejn il-proċess ta' kitba kif ukoll lejn l-iżvilupp tal-parteċipanti. Għaldaqstant, il-programm iħares ukoll lejn il-proċess ta' produzzjoni ta' prodotti kulturali li fil-qofol tagħhom jitolbu element ta' kitba u l-preżentazzjoni pubblika ta' dawn il-prodotti. Il-programm qed isir mill-Aġenzija Żgħażagħ, b'kordinazzjoni tal-Għaqda tal-Malti Università u l-Fondazzjoni AWL, u jinkludi seminars residenzjali intensivi, eżerċizzji ta' kollaborazzjoni kreattiva matul is-sena, kif ukoll pubblikazzjoni u preżentazzjoni pubblika tax-xogħol fl-aħħar tal-programm. TAĦŻIŻ3 kien imqassam tul tliet seminars residenzjali li fihom il-parteċipanti ġġeneraw kitbiet b'esperimentazzjoni. Il-parteċipanti f'din l-edizzjoni kienu Ryan Farrugia, Joseph Paul Muscat, Francesca Saliba, u Maria Vella, filwaqt li Beverly Agius, Dorianne Bonello, Neil Bongailas, Victoria Callus, Gabriel Schembri, Matthew Schembri, u Clifford Jo Żahra ħadu sehem f'sessjoni speċjali dwar il-*flash fiction*.

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# POEŻIJA TA' DOREEN MICALLEF




L-Akkademja tal-Malti, li s-sede tagħha hu "Dar Doreen Micallef" fil-qalba tal-Belt, qed tagħti ġieħ lil din il-poeta kumplessa bil-ħarġa ta' żewġ kotba dedikati għaliha. Dan hu proġett li ilu jinħadem ħmistax-il xahar u issa se jkun għall-bejgħ waqt il-Bookfest ta' din is-sena. L-ewwel ktieb jikkonsisti minn għadd kbir ta' poeżiji mir-repertorju sostanzjali tal-poeta, fosthom uħud li qed jidhru għall-ewwel darba, bħall-poeżija twila Psike li tista' titqies bħala s-'selfie' poetiku tagħha. It-tieni ktieb jiġbor it-testi kollha li kienu nqraw minn diversi kritiċi u akkademiċi waqt konferenza dwarha fl-għaxar sena minn mewtha.

Skont il-Professur Peter Serracino Inglott "Fil-poeżija ta' Doreen Micallef teżisti proġettazzjoni interessanti ta' bosta kunċetti preċiżi jew mera ċara ta' ruħ il-poetessa", waqt li l-Professur Oliver Friggieri itenni li "Micallef tippreżenta l-kriżi tat-twemmin, bla ma tasal tagħżel bejn twemmin f'Alla u twemmin fil-bniedem... L-intimiżmu tagħha jitlaħħam fi lsien minnu nnifsu ripetittiv, ritwalistiku, litaniku ... L-għadab hu rassenjat u l-kalma hi kemm kemm ironika daqskemm hi wkoll provokatorja."

# *L-Avukat Herbert Ganado* BEJN STORJA U MITI




Id-dar tal-kotba Horizons tkompli tipproponi iktar pubblikazzjonijiet għall-pubbliku li jħobb il-Melitensia. Din id-darba qed ikun ippubblikat it-tielet volum mis-sensiela Bejn Storja u Miti.

Wara l-volumi dwar Duminku Mintoff u Monsinjur Victor Grech, Sergio Grech qed jeditja volum dwar l-Avukat Herbert Ganado; persunaġġ magħruf għall-erba' volumi Rajt Malta Tinbidel.

Il-kontributuri: Professur Henry J. Frendo, Professur Carmel Cassar, Sergio Grech, Maria Grech Ganado, Paul Saliba, Martin Vella, Dr Tonio Borg, Noel D'Anastas, Speaker Emeritus Anton Tabone, Max Farrugia, Emily Barbaro-Sant, Professur Oliver Friggieri, Dr Simon Mercieca, Giorgio Peresso, l-Imħallef Rtirat Giovanni Bonello, Monsinjur Charles G. Vella u Dr Charles Xuereb.

L-istorja ta' dan il-ktieb bdiet nhar il-25 ta' April 2005 meta Poeżijaplus organizzat konferenza li għarblet l-impatt ta' Herbert Ganado fil-pajjiż. F'dik il-konferenza, li kienet ippreseduta mill-Professur Henry J. Frendo, ħadu sehem diversi kelliema: Carmelo Abela, Carmel Cassar, Sergio Grech, Maria Grech Ganado, Paul Saliba, Piju Spiteri u Martin Vella. Żewġ preżentazzjonijiet partikulari kienu qajmu reazzjonijiet qawwija waqt il-konferenza u wara, u sa intervent minnhom kien ġie rrappurtat f'gazzetta lokali tal-Ħadd bl-Ingliż. Dik il-konferenza ħalliet togħma tajba u fuq kollox xogħol validu li kien ikun ħasra li ma jiġix mitbugħ. Fil-fatt l-awturi minħabba li għadda ftit żmien, reġgħu raw u flew ix-xogħol tagħhom u għamlu l-aġġornamenti li ħassew li hemm bżonn.

F'diskussjoni mal-pubblikaturi, ħarġet l-idea li l-lista tal-kittieba tiżdied u dan fisser li stajna noffru iktar perspettivi dwar Herbert Ganado li l-konferenza kienet qabżet minħabba żmien u ħin. Uħud minn dawn il-perspettivi huma friski għalkollox anki f'sintonija ma' studji internazzjonali fil-qasam tal-Istorja.

Il-lista l-ġdida tinkludi lil Dr Tonio Borg, Noel D'Anastas, Speaker Emeritus Anton Tabone, Max Farrugia, Emily Barbaro-Sant, Professur Oliver Friggieri, Dr Simon Mercieca, Giorgio Peresso, L-Imħallef Rtirat Giovanni Bonello, Monsinjur Charles G. Vella u Dr Charles Xuereb.

Dan il-ktieb kien għall-bejġ fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.




## *ITTRI LI NIRĊIEVU....*

*Għażiż Paul,*

*Prosit, illum l-ewwel ħaġa li għamilt kienet li ftaħt il-folju u komplejt naqra fejn ħallejt.*

*Bħas-soltu, rivista mill-isbaħ mimlija informazzjoni u riżorsa kbira tal-lingwa Maltija.*

*Peress li l-folju li jmiss huwa marbut max-xahar tal-Milied, qed nibghatlek dawn il-ftit versi:*

Għaġla ta' żmien Diċembru
Dawl iteptep, geġwiġija
toroq traffikużi, brijjużi
b'għanjiet ta' Diċembru
ta' nies b'wiċċ Novembru
mgħaġġlin jixtru, jonfqu
kollox tal-konvenjenza
biex jinħeba ġol-gradenza
joħorġu t-tiżjin,
jżejnu l-fajjenza,
ta' ġo din il-Knisja,
mank għandhom id-diċenza
li jagħmlu reverenza
kollox sar emerġenza!
Minn ħlewwet il-maxtura
Ġesu' xorta jitbissem
jixħet il-providenza!

***Amanda Busuttil 05.11.2015***
***Ħal Ghaxaq,Malta***




## GĦAMLU ISEM – *l-ewwel ktieb ta' Joe Julian Farrugia*

Din il-ġabra ta' bijografiji hi r-riżultat tal-ħidma konsistenti ta' Joe Julian Farrugia fil-qasam kulturali Malti fejn wasal biex skopra kif anki nazzjon ċkejken għandu wirt kulturali li mhux biss huwa qadim ħafna imma huwa wkoll sikwit minsi. F'dan ix-xogħol - li jippreżenta kemm kontenut riċerkat u kemm modalità teknika xierqa u moderna - huwa qiegħed jixħet dawl fuq persunaġġi minn oqsma varji tal-ħidma umana biex juri li l-firxa wiesgħa tal-interessi Maltin kienet dejjem minnha nnifisha espressjoni ta' kuxjenza nazzjonali, sħiħa u koerenti.

Għal dan il-għan, fuq il-bażi tal-esperjenza tiegħu fil-qasam kulturali, Joe Julian Farrugia għażel persunaġġi minn oqsma ta' ħidma differenti, kemm kreattivi u professjonali, u kemm politiċi, artistiċi u reliġjużi. Ħarsa mill-qrib lejn il-persunaġġi magħżula, anki fid-dawl tal-epoka meta għexu, turi li Joe Julian Farrugia mexa bil-għaqal biex jipproduċa kwadru sħiħ ta' kompetenzi li jagħtu lil Malta l-kredenzjali ta' nazzjon. F'dawn il-bijografiji hemm dejjem ix-xewqa tal-awtur li juri li dawn huma persunaġġi li rnexxew bis-saħħa tat-talent li tahom Alla u tal-opportunità li sabu. B'hekk huma setgħu jiżviluppaw u jħaddmu ħilithom mhux biss għas-sodisfazzjon personali tagħhom, imma wkoll għall-ġid ta' nazzjon sħiħ.

Il-personaġġi f'din il-ġabra huma: Josie Coppini; Tony Nicholl; Sammy Bartolo; Emvin Cremona; Anton Buttigieg; Anthony Aquilina il-Maġġur; Oscar Lucas; Vitorin Galea; Ġużè Aquilina; Effie Ciantar; Mikiel Pace, Crist van Bern; Patri Marjanu Vella; Carmen Carbonaro; Charles Flask; Mikiel Abela il-Bambinu; Karmenu Vassallo; Evan Ciantar; Tommy Hedley; Turu Lentini; Charles Clews; Herbert Ganado; Biċe Bisazza; Wenzu Schembri it-Tobi; John B. Cassar; Andrew P. Vella; Anthony Tahir; Marco Montebello; Oreste Kirkop; Charles Cutajar il-Big Boy; Anthony Zarb il-Walker; Mary Ripard; Victor Apap; Carmelo Cauchi Kaneni; Mario Ellul; Francis Ebejer; Bernard Scerri; Ġużeppi Caruana; Mary Meylak; Carmelo Zammit; u Vince Laus.




## GRAMMA - *rumanz ta' Leanne Ellul*

Iċ-ċikkulata, dnub. Anke l-luminata, dnub. Għax id-droga mhix it-trab abjad biss. Ħafna ħin fuq l-internet, dnub. Jekk ma tfittxnix, dnub. Ħafna ħin barra mid-dar, dnub. L-ikel, dnub. L-ikel dnub. Kollox jista' jkun dnub.

Analiża għandha erbatax-il sena, u minn tal-inqas erbatax-il kilogramma żejda. Missierha kollu arja u ommha l-iċken kas. Imnalla jidħlu f'ħajjitha Daniel u Pappa. U Markita u n-nanna, ovvjament. Dawk dejjem hemm. Bħalma hu dejjem hemm ix-xaħam. L-ikel favorit t'Analiża l-arja (mhux minn ta' missierha). Tikolha mal-qiegħ taż-żarbun meta tmur timxi, iktar minn darba kuljum. Li tista' Analiża, lanqas tixrob, għax l-ilma kapaċi jneffaħ. Jekk tibki, tgħid, tonqos gramma?

GRAMMA huwa rumanz rebbieħ tal-Konkors tal-Kitba għaż-Żgħażagħ 2014 imtella' mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Aġenzija Żgħażagħ. Nhar il-15 ta' Novembru, Leanne Ellul, l-awtriċi tar-rumanz "Gramma" kienet fuq l-istand tal-Merlin fil-Festival tal-Ktieb, tiffirma kopji tal-ktieb ġdid tagħha. Dakinhar il-ktieb inbiegħ bi prezz speċjali ta' €5.50 minflok €7.00. *Il-ktieb jista' jinxtara wkoll minn hawnhekk:* http://www.merlinpublishers.com/selectedisbnbook_mlt.php?isbn=9789990915693

## ID-DAR TAL-KANTUNIERA U DAWK LI JGĦIXU FIHA GĦANDHOM L-ISTORJA TAGĦHOM

Rumanz ġdid ta' Charles Casha. Klabb Kotba Maltin 2015. Kien jinsab għall-bejgħ fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, 4-8 Novembru, 2015.

In-nies tar-raħal kienet tgħid u temmen ħafna stejjer dwar id-dar tal-kantuniera. Veru kien hemm saħta fuq id-dar? Fiha jgħixu Dione, bintu Eliza u żewġha Ryan, binthom Dorina u Marjann. Ilkoll għandhom l-istorja tagħhom. Imma dak li ġara għandu x'jaqsam ma' dak li n-nies kienu jemmnu dwar id-dar? X'kien is-sigriet ta' Marjann? X'sabet Dorina meta daħlet tqalleb fil-kamra ta' Marjann? X'kienet ir-raġuni li Pierre kien ħalla lil Eliza ħabta u sabta?

Fid-dar tal-kantuniera hemm storja mexxejja li turi kif fil-ħajja kultant ikollna nieħdu deċiżjonijiet iebsa.

## L-ART TAL-KLIEM — *Il-Maltin fl-Art Imqaddsa u lil hinn*




Ħafna drabi l-okkażjonijiet li naqraw dwar il-ħajja tal-Maltin tad-djaspora huma ftit. Dan il-ktieb jiġbor fih esperjenzi u realtajiet għalkollox differenti minn tagħna. Huma narrattivi ta' sorijiet, qassisin u lajċi Maltin li ilhom snin twal jgħixu fl-Art Imqaddsa u lil hinn. Uħud minnhom, bħal Sister Antonia Agius, telqu minn Malta fuq ajruplan tal-gwerra u ilhom hemm mill-1945. *L-Art tal-Kliem* joffri mumenti diffiċli, umli, skomdi, sempliċi, umoristiċi, imnikkta mill-ħajja ta' 31 Malti u Maltija li għoġobhom jilqgħuna għandhom biex jirrakkontawlna dwar il-ħidma sfiqa tagħhom. Nittamaw li permezz tiegħu qed niftħu tieqa ċkejkna sabiex intom ukoll, bħalna, tkunu tistgħu tesperjenzaw il-mod kif il-Maltin jgħixu barra minn pajjiżhom. Din il-pubblikazzjoni kienet kofinanzjata mill-Fond għad-Diplomazija Kulturali fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, u mill-APS Bank.

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi.**

**Grazzi u napprezza ħafna.**

*Jikteb il-Kav. Joe M. Attard, mir-Rabat, Għawdex*

# REĠGĦU ILTAQGĦU L-KITTIEBA GĦAWDXIN

Fuq inizjattiva tal-Kav. Joe M. Attard, il-Kittieba Għawdxin reġgħu ġew mistiedna biex jiltaqgħu flimkien u jaqsmu bejniethom xi siltiet mix-xogħlijiet tagħhom fil-preżenza ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Letteratrura Maltija. Din il-laqgħa nżammet il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2015 fis-7.30pm. Dan kollu sar bħala parti mill-Book Fair li kienet qed tinżamm fil-Librerija ta' Pjazza San Franġisk Victoria. Billi kien fix-Xahar tal-Erwieħ, u billi l-festa tal-Immakulata kienet wara l-bieb u l-Milied qed joqrob ġmielu, il-kittieba ġew mistiedna jmissu ma' dawn il-ġrajjiet fil-kalendarju li żgur għandhom ikunu ta' interess għal kulħadd.

Inqraw xi xogħlijiet qosra tal-Kapuċċin imwieled fix-Xagħra Patri Mattew Sultana, tal-Poetessa Għawdxija Mary Mejlak u tan-neputi tagħha l-Kan. Joe Mejlak, kif ukoll poeżija ta' Ġorġ Pisani minn Lorna Tabone u Antoinette Grech, li qrat ukoll poeżija li kitbet is-Sinjura Helen Żammit, mart Pawlu Żammit li kien salva mill-għarqa tal-luzzu li ġrat fit-30 t'Ottubru 1948. Fost il-kittieba Għawdxin kien hemm Joe Camilleri, Charles Bezzina, Ganninu Cremona, Joe W. Psaila, Mario Borġ, Anton F. Attard, Frans Mizzi, Dr Alfred Grech, Patri Remiġ Galea Kapuċċin, u Raymond Caruana.

Is-serata fetħet billi nqara *feature* qasir dwar Il-*Milied fil-Letteratura Għawdxija* miktub mill-Kav. Joe M. Attard li mexxa s-serata li kienet imżewqa wkoll mis-'Sinfonia Music Group' taħt id-direzzjoni taż-żagħżugħ Mro Mario Vella Cordina. L-għeluq sar b'kelmtejn mis-Sur Ġorġ Cassar, l-Uffiċċjal inkarigat mil-libreriji f'Għawdex. Kulħadd kien mistieden biex jattendi.

# LEĦEN IL-MALTI

Il-ħarġa mistennija b'għadd 34 tar-rivista Leħen il-Malti tnediet nhar il-Ħadd, 8 ta' Novembru, waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. It-tnedija, bdiet fl-10.00am, u saret f'Sala Temi Zammit, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, u fost l-oħrajn inqraw xi kitbiet mill-ħarġa ta' dis-sena, b'siltiet mużikali minn Joseph u Francesca Bezzina.

*Il-kontributuri għal din il-ħarġa kienu:*

Ġorġ Borg, Nadia Mifsud, Oliver Friggieri, Rita Saliba, Maria Grech Ganado, Leli, Celine Agius, John Portelli, Antoine Cassar, Sergio Grech, Leanne Ellul, Noel Tanti, Bernice Saliba, Lawrence Ancilleri, Beverly Agius, Glen Calleja, Stephen Lughermo, Murat Shubert, John A. Bonello, Victor Fenech, Anaïs Nin, Kevin Saliba, Dorianne Bartolo, Maria Debono, Dorianne Bonello, Olivia Borg, Patrick Sammut, Joseph Vella, Arnold Cassola, John F. Marks.

Fl-edizzjoni ta' din is-sena, minbarra l-kitbiet letterarji dehru wkoll sitt kitbiet ta' natura akkademika, bi tnejn minnhom dwar il-lingwa u erbgħa dwar kitbiet kreattivi. Dehret ukoll traduzzjoni tal-awtriċi magħrufa Anaïs Nin, u dramm ta' John F. Marks li jittratta l-kwistjoni tal-lingwa fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Wara t-tnedija u s-sejħa għal Leħen il-Malti (għadd 35) kulħadd kien mistieden għal bibita ċkejkna. Dħul kien bla ħlas.

# L-GĦORFA F'TARF L-IRDUM - *Fantasija Gotika ta' Victor Fenech*

Malta lejn tmiem is-seklu 18. Tlitt itfal jisfidaw il-biża' u l-preġudizzju tar-raħal żgħir tagħhom, jidħlu f'għorfa abbandunata mkebba f'misteru antik, u jinqabdu f'sensiela ta' ġrajjiet li żgur qatt ma ħolmu bihom. Din hi l-vista li jifrex quddiemna l-awtur Victor Fenech fl-aħħar ktieb tiegħu li ħareġ għat-tfal il-kbar fis-sensiela Il-Ktieb Dejjem Ħabib tal-Horizons, b'illustrazzjonijiet mill-isbaħ ta' Mark Scicluna.

Kif setgħu jobsru t-tfal li taħt l-istess raħal antik tagħhom għadha teżisti dinja oħra – id-"Dinja ta' Taħt" tal-ħrejjef antiki – u li fiha għadhom jgħammru żewġ tribujiet opposti f'kunflitt dejjiemi? Għaliex kien importanti għaż-żewġ naħat li jaħtfu lit-tfal taħt idejhom mill-aktar fis? X'inhuma l-avventuri strambi li jiltaqgħu magħhom it-tlitt itfal f'din il-fantasija gotika? U x'daħlu jagħmlu f'dan kollu s-sħaħar iż-żgħar li jgħammru fil-foresta? Jirnexxilhom it-tfal mid-Dinja ta' Fuq isibu triqthom lura lejn ir-raħal minsi ta' Ħal Belusa? Dan hu ktieb, miktub b'Malti mirqum, li jgħaqqad elementi mill-istorja u l-ħrejjef lokali flimkien ma' drawwiet antiki, u li għandu jħallik bla nifs matul is-sittin 'sitwazzjoni' li jgerbu wara xulxin f'sorpriża wara l-oħra.

Dan is-sett ta' bookmarks, li juru l-karattri ewlenin tal-istorja, qed jingħataw b'xejn ma' kull kopja tal-ktieb.

# MINGU - *Clare Azzopardi*

Mela darba waħda kien hemm għasfur kbir qed itir ... u kien kuntent ... qed idur u jdur u jdur fis-sema ... Le, mamà mhux hekk tibda l-istorja. Mela kif, Klarissa?

Mela darba waħda kien hemm għasfur kbir qed itir ... u f'daqqa waħda ... Bumm! Dak x'kien? Dak x'ġara?

X'jiġri jekk jikkraxxja ajruplan fil-ġnien tiegħek. Le, skużani mhux ajruplan. Dragun. Le, uff, mhux dragun imma għasfur. Żgħir jew kbir? Għasfur kbir ħafna ... x'tagħmel int kieku?

Mingu huwa l-*picture book* il-ġdid, ta' Clare Azzopardi, għal tfal ta' bejn il-5 u t-8 snin . Huwa ktieb avventuruż u sensittiv li se jlaqqgħek ma' Melissa u Klarissa u fuq kollox ma' Mingu.

# QIEGĦDA FIL-PONTA TA' LSIENI (2) - *tagħrif miġbur minn Ġużi Gatt*

Dan it-tieni ktieb fih aktar terminoloġija utli għall-użu ta' kuljum. Kliem li għad għandna bżonnu, imma li se jintilef jekk ma nibżgħux għalih. Il-ktieb ikompli jżid mal-lista ta' kliem dwar iċ-ċiklu tan-natura u l-fiżjonomija tal-art, u dwar snajja' li l-kliem użat fihom jista' jgħin lil kull min jixtieq iħaddem il-Malti bir-rispett li jistħoqqlu.

**TINSEWX! IL-LAQGĦA TA' LI TMISS SE TKUN NHAR IL-ĠIMGĦA, 29 TA' JANNAR, ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-7.30 PM. NARAWKOM HEMM.**

## Biex tassew ngħixu f'dinja. Lejn mappa fiżika tad-dinja bil-Malti: toponomija, traduzzjoni, trażlitterazzjoni.

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru saret din it-taħdita minn Antoine Cassar, f'Dar l-Ewropa, 254 Triq San Pawl, il-Belt li d-dħul tagħha kien b'xejn.

Il-Kon tan-Nofsinhar. Il-Kap tal-Isperanza t-Tajba. Il-Wied tar-Rift il-Kbir. Fejn jaħbtu dawn il-postijiet? Mhux kemm tittawwal waħda fuq il-mappa, jew tiftaħ l-atlas? Imma le, stenna. Fejn tridni nfittex? Fejn qatt rajt mappa tad-dinja - imdendla ma' ħajt jew stampata fi ktieb - bl-ilsien Malti?

Lil hinn miż-żona Ewro-Mediterranja, il-ftit mapep bil-Malti li saru sal-lum tista' tgħoddhom fuq is-swaba' t'id waħda. Bħallikieku lil hinn minn ċerta fruntiera immaġinarja, id-dinja rridu bilfors naħsbuha u nesperjenzawha permezz ta' lingwa oħra - dari l-iktar bit-Taljan, illum x'aktarx bl-Ingliż globalizzat.

Mappa fiżika tad-dinja bil-Malti: forsi hija ħolma, forsi ġennata, iżda bi żgur mhijiex kapriċċ. Parti mix-xogħol diġà lesta - għandna l-Ekwatur, l-Oċean Paċifiku, l-Amażonja. Mill-bqija, fejn it-traduzzjoni u t-trażlitterazzjoni ta' toponimi huma possibbli u fattibbli, jiġifieri fejn ma jtellfux l-orjentament tal-qarrej tal-mappa, ikun dnub jekk nibżgħu minnhom. Il-kuxjenza ġeografika ta' lingwa, ta' komunità, timplika l-fruntieri tal-perspettiva tagħhom fl-ispazju. Biex tassew ngħixu f'dinja, id-dinja rridu nifhmuha sew, niddeskrivuha u ngħixuha fi lsienna.

F'din it-taħdita, Antoine Cassar se jkun qed jippreżenta l-ewwel passi fit-tiswir tal-proġett tiegħu ta' mappa fiżika tad-dinja bl-ilsien Malti, b'ħarsa ddettaljata lejn il-ħafna diffikultajiet li qed iħabbat wiċċu magħhom, lejn il-kunċett tal-lingwa (jew lingwi) pont, u lejn il-kriterji li rnexxielu jfassal sal-lum fl-immappjar tal-Afrika u tal-Amerka t'Isfel.

Din it-taħdita qiegħda ssir bi sħab ma' l-aċċent, rivista għal kull min iħaddem il-lingwa b'mod professjonali, maħruġa mid-Dipt. tal-Ilsien Malti tad-Direttorat tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

## SKRAPP U SKRAPP

Il-ktieb jiġbor fih 4 drammi li għandhom l-għan ewlieni li jimmotivaw lill-istudenti u joħolqu ambjent li fih l-istudenti jitgħallmu waqt li jieħdu gost.

Sa ċertu punt dan jgħodd l-aktar għaż-żewġ kummiedji ta' Skrapp u Skrapp li huma mexxejja, mimlija azzjoni, imma li jostru messaġġ qawwi favur il-ġustizzja u s-sewwa li b'xorti tajba fl-aħħar dejjem joħorġu minn fuq. Il-karattri Skrapp 1 u Skrapp 2 huma fuq tagħhom, dinamiċi u huma wkoll intelliġenti u inġenjużi, kemm meta imbruljuni u kemm meta jikkonvertu u jsiru investigaturi. Bla dubju l-istudenti mhux se jsibuha diffiċli jidentifikaw ruħhom ma' dawn il-karattri.

Tematikament Żerniq jimxi fuq l-istess linji ta' Skrapp u Skrapp, bid-differenza li Żerniq hu dramm serju, mimli simboliżmu u għalhekk forsi jappella aktar għal studenti maturi. L-istess bħal fi Skrapp u Skrapp, il-ġlieda eterna bejn it-tajjeb u l-ħażin hi t-tema rikorrenti, bil-ħażin li jieħu post il-ħażin ta' qablu sa ma xi darba t-tajjeb joħroġ rebbieħ.

Il-Prinċep Wiċċ id-Dawl hu adattament tal-ħrafa ta' Oscar Wilde The Happy Prince, ħrafa moderna b'messaġġ qawwi favur l-altruwiżmu u l-ġustizzja soċjali. Aspett oriġinali tad-dramm, li jżomm il-qafas oriġinali imma li jitlaq għal riħu u jimraħ għal dik li hi għażla tal-lingwaġġ, hu li hu miktub bil-versi, libsa li taqbel ħafna mal-lingwa rikka u poetika ta' Wilde. Nisiltu eżempju mid-dramm ta' Azzopardi. Il-Ħuttafu jitkellem wara li kien wettaq opra tajba.

Kemm ħlomt sabiħ dal-lejl!
Sibt ruħi f'art 'il bogħod,
ma nafx jekk hux l-Eġittu jew post ieħor,
'mma naħseb li l-Eġittu. Kont ferħan,
u kollox madwari rajt abjad ....
Kien forsi silġ? Ma nafx. Jew forsi sħab
abjad tajjar? Min jaf! Naf biss li qalbi
kebbset bħal ġamra nar u kont kuntent,
u sħun ....
U rajt madwari ċriev minn lewn il-ġilju,
u magħhom ħrief miksija bit-tajjar,
u tfal, tfal ta' kull lewn,
kannella, bojod karti, suwed faħma,
u sofor .....
Tfal biss. U ċ-ċriev u l-ħrief hemm lagħbu magħhom
u minnhom ma beżgħux.
Ħassejtni mbagħad nintrefa' 'l fuq mill-art
u għana smajt li jsaħħar, u madwari
rajt jittajjar, ma nafx sew sew dan x'kien,
kien donnu tajr mill-isbaħ, ġwienħu bojod
bħax-xemx. U kif ma nafx, biss f'daqqa waħda
sibt ruħi wieħed minnhom;
ġwinħajja saru bojod u minn fommi
ħareġ għana
li jisboq kull għanja t'għasfur!
Kemm kont kuntent!

Bla dubju d-dramm Il-Prinċep Wiċċ id-Dawl u sa ċertu punt anke d-dramm Żerniq, għandhom valur letterarju.

Qawl antik Amerikan jgħid "Għidli u ninsa, urini u naf ma niftakarx, involvini u nifhem." U preċiżament dan hu l-iskop ewlieni ta' dawn it-testi: li jinvolvu lill-istudenti, iċaqilquhom intellettwalment, emottivament u forsi anke fiżikament, u jimmotivawhom biex jipparteċipaw fil-mixja avventuruża tal-karattri, kemm meta jaqrawhom fi grupp u kemm meta jkunu parti minn produzzjoni bbażata fuqhom.

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**

# HEKK TĦABBAT IL-QALB MALTIJA




**Kellha ssir taħdita pubblika mill-Prof. Oliver Friggieri, nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2015 fis-6.30pm, fil-Librerija tas-Seminarju, ir-Rabat — IT-TRILOĠIJA 'HEKK TĦABBAT IL-QALB MALTIJA', Rumanz Kattoliku għaż-żgħażagħ u għall-għalliema — Oliver Friggieri**

Alla waħdu jagħti sens lill-eżistenza. Neżistu kuntenti jekk nafu għalfejn u għaliex. Il-preżenza tiegħu tinħass f'żewġ direzzjonijiet: ir-riflesssjoni loġika, u r-rivelazzjoni. Is-sens komun iwassalna għandu, u r-rivelazzjoni tagħtina prova storika. Il-Knisja Kattolika hi wirt tal-ogħla kultura dinjija, hi l-qofol tal-identita' nazzjonali Maltija, u hi l-istituzzjoni li tista' tgħaqqad l-aktar lill-poplu Malti kollu, anki politikament. Is-saċerdot Malti hu l-benefattur ewlieni tas-soċjeta' Maltija matul bosta sekli, inkluż il-preżent. M'hemmx tradizzzjoni ħajja mingħajr modernita', u m'hemmx modernita' f'saħħitha mingħajr tradizzjoni. It-tama tal-bniedem quddiem l-isfida tat-tbatija u tal-mewt hi Sidna Ġesu Kristu. Amirazzjoni lejn Kristu bħala bniedem kolossali tinvolvi bilfors fidi fih bħala Alla, il-qofol ta' kulma qal u għamel il-ħin kollu. Jistgħu dawn il-ħsibijiet kollha jingħataw il-forma ta' rumanz? Din hi l-istorja kollha ta' Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija (Klabb Kotba Maltin).

## Alla mill-ġdid fiċ-ċentru tal-kultura

Dawn il-ħsibijiet kienu f'moħħi jien u nikteb it-triloġija Hekk Tħabbat il- Qalb Maltija, magħmula mit-tliet rumanzi It-Tfal Jiġu bil-Vapuri, La Jibbnazza Niġi Lura u Dik id-Dgħajsa f'Nofs il-Port. Matul it-tnax -il sena sħaħ (1998-2010) li għaddejt nikteb dawn it-tliet rumanzi, ippruvajt nara kif nista' nsarraf sett ta' konklużjonijet f'sensiela ta' ġrajjiet li jifformaw rumanz, anzi triloġija, tliet rakkonti marbutin flimkien li jikkostitwixxu rakkont twil wieħed. Ridt nuri li l-bniedem ma jistax jgħaddi mingħajr l-appoġġ, il-garanzija tat-twemmin f'Alla. Mingħajr Alla l-ħajja hi insopportabbli. Alla huwa anki kuntratt politiku, eżistenzjali, psikoloġiku: huwa jserraħ ras l-umanita' li l-umanita' ma hix biss organiżmu msejken, patetiku, destinat li jgħix b'mod jew b'ieħor għal ftit snin biex jintrema bħala oġġett moqżież taħt l-art. Il-futur tiegħu mhuwiex l-art imma s-sema. Din hi kwistjoni politika li tinteressa lil kulħadd.

Inqdejt b'karattru ta' saċerdot tipikament Malti, Dun Grejbel (diminuttiv ta' Grabiel bil-Malti), raġel sempliċi u twajjeb, kbir sal-punt li jitla' hu wkoll sal-Golgota waħdu, bħala saċerdot konvint sa l-aħħar. Il-kruċifissjoni tiegħu hi t-tkomplija tal-kruċifissjoni ta' Kristu nnifsu, u l-paralleli mal-ġrajja evanġelika huma evidenti. Malta forsi tinsab fil-punt kruċjali li tagħraf li hemm tradizzjoni twila waħda li hi, Knisja u partiti u poplu, ma tistax tarmi. Hi stedina lura lejn is-sens komun - qabel ma jkun tard wisq.

Jekk hemm mara żagħżugħa li ħarġet tqila qabel iż-żmien (Susanna), u jekk hemm mara xwejħa, nanna (Katarina) li qiegħda tbati biex issalva struttura familjari sħiħa qabel ma tikkollassa, u jekk hemm missier (Saverju) riġidu, iebes, li jemmen fit-tradizzjoni bil-qilla tiegħu kollha... dawn huma biss karattri li forsi jlaħħmu lill-karattri l-aktar tipiċi tas-soċjeta' Maltija. Hi soċjeta' li tagħmel parti mit-tarf tas-Sud Ewropew.

## Insalvaw l-għeruq tagħna lkoll

L-għeruq tagħna lkoll (Nazzjonalisti u Laburisti) ma humiex atei, lanqas lajċi, lanqas anjostiċi. L-għeruq huma realta' li xi ħadd isibha lesta. Hi t-tradizzjoni, il-ħamrija li hi d-dar tal-għeruq. Trid teqred l-għeruq? Kollox sew – imma m'hu se jibqagħlek xejn. Din il-logħba fatali forsi hi l-fażi politika li Malta tinsab għaddejja minnha bħalissa. Hemm patrimonju morali, kulturali, reliġjuż ta' bosta sekli li qiegħed jintrema.

Jien deherli, matul mhux inqas minn tnax-il sena sħaħ, li kelli nistudja u ninterpreta din is-sitwazzjoni kumplessa kollha, bissaħħa ta' rumanz twil, li jinkorpora kollox. Fuq naħa, naf li hemm konklużjonijiet xjentifiċi li jikkonfermaw dan kollu; fuq in-naħa l-oħra, nifhem li rumanz hu l-aħjar mod kif veritajiet xjentifiċi jistgħu jitwasslu għand numru kbir ta' nies. Rumanz hu għasfur li jtir fit-tul u jimraħ kullimkien. Naf.

## Lura minnufih lejn l-għeruq: saċerdoti u żgħażagħ

Bit-triloġija ta' Hekk Tħabbat il-Qalb Maltija qiegħed nittama li nagħti s-sehem tiegħi biex il-qofol essenzjali Malti jerġa' jsir iċ-ċentru tal-kultura Maltija kollha, u mhux sempliċiment tal-kompartiment letterarju. Qiegħed nittama li din l-istedina tasal għand żewġ kategoriji tas-soċjeta' Maltija: is-saċerdoti u ż-żgħażagħ. Dan ir-rumanz hu miktub qabelxejn biex juri kemm hu kbir il-kontribut uman, soċjali, morali, li jagħti s-saċerdot Malti. Nippretendi li dan ir-rumanz jiswa biex irodd lura xbieha sana, sublimi tas-saċerdot Malti, anki bħala sempliċi ċittadin – speċjali.

## Jekk iż-żgħażagħ ma jsalvawx lill-Knisja issa

Jekk fl-uragan Malti ta' bħalissa ma nsalvawx lill-Knisja, il-qofol tal-Istorja daqskemm il-bażi taċ-ċertezza psikoloġika nazzjonali, il-konsegwenzi huma kollha prevedibbli. Il-vittmi huma t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna li se jirtu pajjiż imċaħħad mill-punti tar-riferiment, miċċertezzi, mill-garanziji li lill-ġenerazzjoni tiegħi u ta' warajja tawha sens ta' futur.

Jekk ma nsalvawx lill-Knisja minnufih, se jerġa' jkollna lil Malta deżert. In-Nisrani, il-Kattoliku konvint jemmen li t-triq tal-futur hi t-triq lura. B'dan ir-rumanz jien nixtieq inwassal dan il-messaġġ liż-żgħażagħ, l-aktar lil dawk li qegħdin jistudjaw.

*Messaġġ mill-ħabib tagħna, Enzo Gusman minn Malta...*

